**8 ta' Mejju, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel Arrigo LL.D.**

Ir-Repubblika ta' Malta

*versus*

Joseph Grech u Bernardette Spiteri

## *Files* Governattivi

*Wara li l-Qorti Kriminali ddeċidiet li* file *governattiv, b'riserva għal dak li jipprovdi l-artikolu 637 (4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12), huwa ammissibbli bħala prova, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ddelineat il-kriterji li għandhom jiggwidaw l-ammissibilità ta' l-imsemmija prova:*

*Stabbilit illi l-*files *huma* prima facie *ammissibbli, il-Qorti Kriminali għandha tgħaddi biex ma' l-ewwel opportunità li jidhrilha xieraq u in ossequio tal-prinċipji enunzjati fil-bidu tas-sentenza tagħha, tipprokura l-esebizzjoni ta' dawn il-*files *fl-atti tal-kawża.*

*Fit-tieni lok il-Qorti Kriminali għandha, kif irriservat li tagħmel, tara jekk dawn id-dokumenti jew xi parti minnhom, humiex milquta mill-artikolu 637 (4) tal-Kap. 12 għaliex dejjem jista' jkollha r-responsabbilità li tinduna b'xi parti mid-dokument li jkun jeħtieġ li jiġi ssenjalat għall-fini ta' l-artikolu msemmi.*

*Sorpassat dan l-istadju, jekk l-artikolu 637 (4) tal-Kap. 12 fil-fehma tal-Qorti Kriminali ma jkunx japplika għad-dokumenti in diżamina, l-istess dokumenti għandhom jiġu messi taħt il-kontroll tagħha għad-disposizzjoni kemm tal-prosekuzzjoni kemm tad-difiża, u għandu mbagħad jiġi stabbilit it-terminu f'liema d-difiża għandha tindika liema partijiet minn dawk id-dokumenti hija*

*tixtieq li tagħmel użu minnhom biex il-Qorti tkun ippreparata dwar kwistjonijiet ta' rilevanza.*

*Għandu jiġi assigurat ukoll li dan kollu jsir fi stadju illi ma jippreġudikax id-drittijiet tad-difiża li jkollha l-faċilità kollha li tipprepara d-difiża tagħha.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali tat-30 ta' Ġunju, 1997 fl-atti ta' din il-kawża, liema sentenza taqra kif ġej:

"Il-Qorti:-

Rat l-att ta' akkuża numru 36/96;

Rat in-nota ta' l-akkużata Bernardette Spiteri, minnha ppreżentata fil-21 ta' Awissu, 1996, li permezz tagħha indikat diversi xhieda li bi ħsiebha tinġunġi in difesa tagħha, tat avviż ta' eċċezzjonijiet dwar l-ammissibilità ta' provi tal-prosekuzzjoni u esebiet ukoll dokument immarkat GCC1;

Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali tat-30 ta' Awissu, 1996, li permezz tagħha l-istess Avukat Ġenerali ta avviż ta' eċċezzjonijiet dwar l-ammissibilità tal-provi tad-difiża;

Rat il-verbal ta' l-udjenza ta' l-10 ta' April, 1997, mnejn jirriżulta li din il-Qorti kienet ordnat lill-imsemmija akkużata sabiex permezz ta' nota tindika, *inter alia*, l-oġġett tal-prova li trid tagħmel permezz tal-*files* tad-Dipartiment tad-Dwana u ta' l-Immigrazzjoni tal-Pulizija indikati fil-paragrafi 16 u 17 tan-nota tagħha msemmija;

Rat in-nota ulterjuri ta' l-akkuża tat-18 ta' April, 1997, li fiha jingħad, *inter alia*, hekk:

"Illi l-iskop u l-oġġett tal-*files* imsemmijin f'paragrafu 16 u 17 tan-nota ta' l-akkużata ppreżentata fil-21 ta' Awissu, 1996, huwa sabiex jiġu ppruvati l-intriċċi illi seta' kellu Tamer Zaki, li jistgħu jitfgħu dawl għall-motiv ta' l-aggressjoni tiegħu kontra l-akkużata";

Rat il-verbal ta' l-udjenza ta' l-14 ta' Mejju, 1997 li minnu jirriżulta li l-partijiet (ċjoè l-akkużata Spiteri u l-Avukat Ġenerali - l-akkużat Grech ma ssolleva ebda eċċezzjoni u anqas tqanqal xejn fil-konfront tiegħu) irtiraw l-eċċezzjonijiet kollha minnhom issollevati (salv dejjem il-kwistjoni tar-rilevanza tax-xhieda jew tad-deposizzjoni tagħhom fl-istadju opportun u ta' kwistjonijiet oħra li jistgħu regolarment jitqajmu fil-kors tal-ġuri) ad eċċezzjoni tas-segwenti:

L-eċċezzjoni ssollevata mill-Avukat Ġenerali dwar l-inammissibilità tax-xhieda indikati bin-numru 16 u 17 fin-nota ta' l-akkużata tal-21 ta' Awissu, 1996; u

L-eċċezzjoni ssollevata mill-akkużata fin-nota tagħha u li tgħid hekk: "Illi l-prosekuzzjoni indikat bħala prova Dok LM1 li hi riċevuta ta' dazju u dwana. Illi għall-kompletezza tal-provi u abbażi tal-prinċipju illi l-prosekuzzjoni għandha ġġib dejjem l-aħjar prova bl-aktar mod komplet, il-prosekuzzjoni għandha tesebixxi l-*file* tad-Dwana kollu u mhux estratt biss minnu" (ara fol. 24 ta' l-atti ta' l-akkuża);

Dawn, meta, huma ż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari li fadal x'jiġu deċiżi u li għalhekk ser jiġu deċiżi b'din is-sentenza. Il-Qorti ser tibda bl-eċċezzjoni hawn aktar 'il fuq immarkata bl-ittra (b) u ċjoè dik issollevata mill-akkużata:

In kwantu din l-eċċezzjoni dwar l-ammissibilità tal-provi fis-sens ta' l-artikolu 438 (2) (i) tal-Kodiċi Kriminali, l-akkużata Spiteri qiegħda in effett tgħid li d-dokument LM1 mhux ammissibbli kemm-il darba ma jiġix esebit mill-prosekuzzjoni l-*file* kollu relattiv. Din il-Qorti ma taqbillx. Kull parti fil-proċess għandha d-dritt li tirregola hi l-provi li trid tressaq u kif tressaqhom, salv il-kwistjoni ta' l-ammissibilità ta' dik il-prova u tar-rilevanza tagħha (artikolu 520 (2) - Kap. 9). Ġaladarba d-dokument LM1 mhux qed jiġi impunjat bħala inammissibbli fih innifsu għal xi raġuni prevvista mil-liġi (eż. li dak id-dokument mhux l-oriġinal jew mhux kopja awtentika - artikolu 636, Kap. 12 u artikolu 520 (1) (b), l-akkużata ma tistax tippretendi li dak id-dokument, biex ikun ammissibbli, għandu jkun "kompletat" jew "kumplimentat" mill-prosekuzzjoni permezz ta' dokumenti oħra. Huwa minnu li l-artikolu 638 (1) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li: "bħala regola, għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xhieda tiegħu tkun importanti"; iżda din id-disposizzjoni tirreferi għall-valur probatorju tal-prova li tkun u mhux għall-ammissibilità ta' dik il-prova. Min jonqos li jġib l-aħjar prova li l-każ ikun jagħti jirriskja li ma jirnexxilux jipprova l-każ tiegħu għax ma jirnexxilux jilħaq il-grad ta' prova rikjest mil-liġi - il-grad tal-konvinċiment morali fil-każ tal-prosekuzzjoni jew *on a balance of probabilities* fil-każ li d-difiża tagħżel, jew il-liġi tobbligaha, li tipprova xi ħaġa. Kif osservat il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Frar, 1991 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta *vs* Dr. Lawrence Pullicino**;

"Illi huwa veru li l-liġi tirrikjedi l-aħjar prova però b'daqstant ma teskludix l-ammissibilità ta' provi sekondarji speċjalment meta dawn ikunu l-uniċi provi disponibbli jew huma intiżi biex isaħħu l-aħjar prova. Dan apparti l-fatt li l-valur probatorju m'għandux x'jaqsam ma' l-aspett ta' ammissibilità. Il-valur tagħha bħala prova se mai ikun jispetta

lill-Qorti li tindirizza l-ġurati fuqu u l-istess ġurati li japprezzawh" (Vol. LXXV.V.808,851);

Għalhekk din l-eċċezzjoni ta' l-akkużata qed tiġi respinta;

L-Avukat Ġenerali qed jeċċepixxi l-inammissibilità tax-xhieda indikati bin-numri 16 u 17 fin-nota ta' l-akkużata. Dawn huma indikati f'dik in-nota hekk:

"16. Il-Kontrollur tad-Dwana jew rappreżentant tiegħu sabiex jesebixxi l-*file* tad-Dwana konċernanti s-sejħa ta' djamanti fil-pussess ta' Tamer Zami fl-1 ta' Ġunju, 1994;

17. Is-Supt. Seychell jew l-uffiċjal inkarigat mis-sezzjoni ta' l-Immigrazzjoni tal-Korp tal-Pulizija sabiex jesebixxi l-*file* li jikkonċerna Tamer Zaki";

L-Avukat Ġenerali qed joġġezzjoni għal dawn iż-żewġ xhieda:

"... peress li ma ġiex indikat l-oġġett tal-prova li trid issir permezz tal-*files* in kwistjoni li trattandosi ta' *files* governattivi ma tistax tintalab il-produzzjoni tal-*files* intieri *sic et simpliciter* kif ritenut fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali **Ir-Repubbblika ta' Malta *vs* Dr. Lawrence Pullicino** tas-7 ta' Frar, 1991 u dan apparti kull konsiderazzjoni oħra dwar ir-rilevanza ta' dak li jrid jiġi ppruvat bl-istess xhieda u bil-*files* imsemmija li dwarha l-esponenti minn issa jirriserva l-posizzjoni tiegħu għall-istadju opportun" (ara fol. 32, atti akkuża);

L-oġġett tal-prova sussegwentement dikjarat mill-akkużata fin-nota tagħha tat-18 ta' April, 1997 ġà ġie riportat aktar 'il fuq

f'din is-sentenza;

Il-Qorti qabel xejn tibda biex tosserva li ż-żewġ xhieda (jew rappreżentanti tagħhom) mitluba mill-akkużata mhux qed jintalbu biex jixhdu dwar il-*files* iżda qed jintalbu sempliċement biex jesebixxi l-istess *files*. Kif tajjeb osservat il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta *vs* Dr. Lawrence Pullicino**, ġà ċitata, għalkemm ma hemm ebda divjet fis-sens ta' privileġġ li *file* governattiv jiġi esebit f'kawża penali, jista' japplika fil-kamp penali is-sigriet *rationae officcii* kkontemplat fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 590 tal-Kap. 12, reż applikabbli għall-proċeduri bħal dawk odjerni bl-artikolu 645 tal-Kap. 9, minn meta ngħatat dik is-sentenza, però, dan is-sigriet ġie ristrett: filwaqt li qabel kien japplika għal kull rapport, ittra, dispaċċ jew karta li kellha x'taqsam ma' *file* governattiv, bl-emendi introdotti fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili bl-Att XXIV ta' l-1995, xhud jista' jipprevalixxi ruħu mis-sigriet *rationae officii* biss fil-każ li d-dokument li dwaru jintalab jixhed ikun privileġġat kif imfisser fis-subartikoli (4), (5) u (6) ta' l-artikolu 637 tal-Kap. 12. Fil-każ odjern, il-prosekuzzjoni mhix toġġezzjona li l-*files* mitluba huma privileġġati (oġġezzjoni li, fi kwalunkwe każ, proprjament għandu jissollevaha x-xhud li jiġi mitlub jixhed). Mill-banda l-oħra l-oġġett tal-prova kif indikat mill-akkużata huwa vag għall-aħħar u kważi jammonta għal *fishing expedition*, fis-sens li l-akkużata qed tittama li f'dawn il-*files* issib xi ħaġa li tista' ssaħħaħ it-teżi tagħha ta' "intriċċi" b'mod li jkun jista' jintefa' dawl "għall-motiv ta' l-aggressjoni (ta' Tamer Zami) kontra l-akkużata". B'danakollu din il-Qorti ma tarax li tista' ċċaħħad lill-akkużata mill-possibilità li tagħmel użu minn dawn il-*files* għad-difiża tagħha, aktar u aktar meta l-prosekuzzjoni mhix qed tgħid li dawn il-*files* huma privileġġjati fis-sens tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 637 imsemmi. Għalhekk l-eċċezzjoni ta' l-Avukat Ġenerali fir-rigward taż-żewġ xhieda in kwistjoni ser tiġi respinta, b'dan, però, li l-Qorti

ser timponi l-kawteli infraskritti, u salv dejjem dak li jipprovdi l-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 436 u s-subartikolu (5) ta' l-artikolu 440 tal-Kodiċi Kriminali;

Għall-motivi premessi din il-Qorti:

Tirrespinġi l-eċċezzjoni ssollevata mill-Avukat Ġenerali ta' l-inammissibilità tax-xhieda indikati bin-numri 16 u 17 fin-nota ta' l-akkużata tal-21 ta' Awissu, 1996 u tiddikjara l-istess xhieda u l-*files* li qed jintalbu jesebixxu bħala ammissibbli, b'dan però, li jekk u meta dawn il-*files* jiġu esebiti fl-istadju opportun, dawn għandhom l-ewwel jiġu eżaminati mill-Qorti sabiex tassigura ruħha li ma hemm xejn fl-istess *files* li hu kolpit bis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 637 tal-Kap. 12 u, wara, l-akkużata għandha tindika x'partijiet minn dawn il-*files* trid tagħmel użu minnhom biex il-Qorti tkun tista' tippronunzja ruħha dwar ir-rilevanza ta' dawk il-partijiet;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni ta' l-akkużata Spiteri dwar id-dokument LM1 kif riportata aktar 'il fuq f'din is-sentenza;

Minn dik is-sentenza appellat l-akkużata Bernardette Spiteri permezz ta' rikors ippreżentata fit-3 ta' Lulju, 1997 fejn qed titlob li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka d-deċiżjoni appellata billi tirrespinġi l-eċċezzjoni ssollevata mill-Avukat Ġenerali inkondizzjonatament u bla ebda riserva, b'dan illi d-difiża jkollha d-dritt li teżamina l-*files* tad-dwana u ta' l-emigrazzjoni mitluba minnha fin-nota tagħha u li tilqa' l-eċċezzjoni tagħha kif indikata fin-nota skond il-liġi;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Kif jidher mit-talba kkontenuta fir-rikors ta' l-appell, l-appell huwa maqsum f'żewġ partijiet. Din il-Qorti ser tibda l-ewwel bl-ilment ta' l-appellant fir-rigward tal-mod kif l-Ewwel Qorti kkunsidrat u ddeċidiet l-eċċezzjoni ssollevata mill-Avukat Ġenerali;

Biex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju, fiċ-ċirkostanzi partikolari, din il-Qorti tara li huwa opportun li jiġi riprodott kważi fl-intier tiegħu l-ilment ta' l-appellanti kif ikkontenut fir-rikors ta' l-appell tagħha;

L-appellanti tissottometi li għalkemm l-Ewwel Onorabbli Qorti rrespinġiet l-eċċezzjoni ta' l-Avukat Ġenerali, hija għamlet dan b'ċerti riservi li, in effett, kollha jammontaw għal sitwazzjoni fejn il-Qorti in sostanza, xorta kienet qiegħda tilqa' din l-eċċezzjoni;

F'aktar dettal l-appellanti tissottometti dan li ġej:

Meta l-Ewwel Onorabbli Qorti, fis-sentenza appellata, użat il-kliem "Jekk u meta dawn il-*files* jiġu esebiti fl-istadju opportun", hawnhekk mhux qed tammetti li dawn il-*files* jiġu esebiti, il-kliem "jekk u meta" juru dan biċ-ċar. Dan, fil-fehma ta' l-appellanti, hu kontradizzjoni mal-fatt li l-istess Qorti ddikjarat li l-istess xhieda u *files* huma ammissibbli. Di più, l-Ewwel Onorabbli Qorti ukoll bil-kliem "fl-istadju opportun" mhux qiegħda tagħmilhom aċċessibbli u produċibbli għad-difiża b'effett immedjat. Issa, tissottometti l-appellanti, hawn si tratta ta' dokumenti u hija ma tistax tipprepara d-difiża tagħha skond il-liġi qabel ma tifli l-provi li qed titlob li jinġiebu. Hija mhix tenuta li tistenna sal-mument li hija ġġib il-provi tagħha sabiex tirregolarizza l-posizzjoni tagħha u l-linji difensjonali li hi tkun

trid tavvanza. Taħt is-sistema penali tagħna, ix-xhieda tad-difiża jixhdu wara li tkun xehdet l-akkużata (jekk ikun il-każ) u wara l-arringa tad-difiża. Minħabba dan l-istat ta' fatt, l-akkużata ma tistax tibqa' f'posizzjoni sospiża sa dan l-istadju tal-proċess. Barra minn hekk, jekk prova hija ammissibbli, kif del resto ġiet hekk iddikjarata, għandha tkun akkompanjanta ma' l-ordni tal-Qorti li d-difiża tkun tista' teżamina l-istess dokument;

L-appellanti tissottometti ukoll fir-rigward li l-Ewwel Onorabbli Qorti rriservat ukoll li hi teżamina dawn il-*files* l-ewwel fl-isfond ta' l-artikolu 637 (4) tal-Kodiċi Kriminali. Filwaqt li l-appellanti tapprezza li l-Qorti għandu jkollha d-dritt suprem li teżamina dawn il-*files*, anke l-partijiet għandhom ikollhom l-istess dritt sabiex, ġaladarba l-prova ġiet iddikjarata ammissibbli, jagħmlu l-provi meħtieġa skond il-liġi;

Di più, il-Qorti ukoll għamlet riserva ulterjuri li l-akkużata tindika x'partijiet minn dawn il-*files* trid tagħmel użu minnhom. Din hi ukoll, fil-fehma ta' l-appellanti, kontradizzjoni, għaliex kif tista' l-akkużata tagħmel hekk, jekk hi mhix mogħtija d-dritt li teżamina dawn il-*files*. Mhux ċar, fil-fehma tagħha, x'ser jiġri waqt il-proċess. Hija tistaqsi: Ser jiġri li l-Qorti teżamina l-*files* l-ewwel, u l-prova li ġiet iddikjarata ammissibbli, tiġi dikjarata mill-Qorti rrelevanti qabel ma d-difiża tifli l-*files*? U f'liema stadju? Fl-istadju li l-prosekuzzjoni tkun ressqet il-provi kollha tagħha u kwalsiasi domandi mill-*files* ma jkunux setgħu saru in kontro-eżami għax id-difiża ma tkunx għadha edotta bil-kontenut tal-*files*?

Għalhekk l-appellanti tissottometti li l-eċċezzjoni ta' l-Avukat Ġenerali għandha tiġi respinta mingħajr riservi u b'mod li taħt il-kontroll tal-Qorti jkollha aċċess immedjat għall-istess *files*, partikolarment illi, kif qed jiġi ddikjarat fl-istess sentenza ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti, il-prosekuzzjoni ma oġġezzjonatx

li l-*files* mitluba huma pprivileġġjati skond il-liġi;

Tantoche, id-difiża ħassitha urtata bl-espressjoni *a fishing expedition* użata fis-sentenza appellata, billi ssostni li hija għandha informazzjoni li Tamer Zaki kellu intriċċi ma' l-awtoritajiet li probabilment jirriżultaw u jiġu inferiti minn dawn il-*files*. Skond hi, dan hu *fact in issue* ta' ċerta importanza;

Kif ingħad din il-Qorti se tissofferma ruħha fuq dan l-ewwel aggravju ta' l-appell;

Frankament din il-Qorti tara illi l-oriġini ta' dan l-aggravju jista' jsib bażi biss parti għaliex jidher li l-appellanti ma fehmitx eżatt uħud mir-riservi li għamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti, u in parti għaliex forsi huwa l-każ illi dawn ir-riservi setgħu jiġu spjegati b'terminoloġija aktar ċara. Hu x'inhu, dan l-aggravju ma jipprospettax xi problemi kbar għal dik li hija soluzzjoni;

Qabel ma tgħaddi biex tezamina l-istess u tiddeċidih però, din il-Qorti tara li hu opportun li tippreċiża illi llum, partikolarment bl-iżvilupp li kien hemm, kemm fil-ġurisprudenza nostrana u kif ukoll, u primarjament, f'dik tal-Qorti Ewropeja ta' Strasburgu, huwa impellenti li kull Qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali tassigura li jkun hemm *a parity of arms* bejn il-prosekuzzjoni u d-difiża u li d-drittijiet tad-difiża li tibni kif jidhrilha l-aħjar il-linja ta' difiża tagħha u xi provi ġġib, salv s'intendi kwistjonijiet ta' ammissibilità u ta' rilevanza, ikunu rispettati fl-ogħla grad;

Issa x'jirriżulta mis-sentenza appellata li effettivament iddeċidiet l-Ewwel Onorabbli Qorti fir-rigward ta' l-eċċezzjoni ssollevata mill-Avukat Ġenerali?

Fl-ewwel lok jirriżulta illi dik l-Onorabbli Qorti ddikjarat

illi l-eċċezzjoni ssollevata mill-Avukat Ġenerali ma kinitx sostenibbli u effettivament ċaħditha fis-sens li ddeċidiet favur l-ammissibilità tax-xhieda indikati bin-numri 16 u 17 fin-nota ta' l-akkużata, illum appellanti, tal-21 ta' Awissu, 1996, u ddikjarat l-istess xhieda u l-*files* li ntalbu li għalihom hemm riferenza fl-istess sentenza appellata, bħala ammissibbli. Din hija l-bażi ta' l-ewwel parti tas-sentenza ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti kif ukoll hija l-punto di partenza tas-soluzzjoni tal-vertenza li għandha issa quddiemha din il-Qorti;

Issa l-appellanti tissottometti li bl-użu tal-kliem "jekk u meta dawn il-*files* jiġu esebiti fl-istadju opportun" inħolqot sitwazzjoni fluttwanti fejn hija tissospetta li tista' tiġi ppreġudikata fid-dritt tagħha li l-ewwel ikollha għad-disposizzjoni tagħha dawn il-*files*, it-tieni li tkun tista' teżaminahom tempestivament, u li fi kwalunkwe każ tkun tista' tagħmel dak l-użu minnhom li jidhrilha opportun, dejjem salva d-direzzjoni suprema tal-Qorti li tkun qed tikkonduċi l-ġuri;

Din il-Qorti tara li essenzjalment huwa minnu li l-kliem użat mill-Ewwel Onorabbli Qorti "jekk u meta dawn il-*files* jiġu esebiti fi stadju opportun", f'ċertu sens ma jsegwix b'loġika stessa għall-konklużjoni minnha preċedentement raġġunta li dawn l-istess *files* kienu ammissibbli. Dana għaliex, kif ġie spjegat mill-appellanti fir-rikors ta' l-appell tagħha, qisu qed titħalla l-possibilità li dawn il-*files* ma jiġux u dan joħroġ mill-kliem "jekk u meta dawn il-*files* jiġu esebiti", u fit-tieni lok mhux qed jiġi ppreċiżat f'liema stadju dawn il-*files* għandhom jiġu esebiti biex ikunu jistgħu jiġu eżaminati mid-difiża għall-iskopijiet tagħha b'mod illi jista' jagħti l-każ illi l-esebizzjoni ta' dawn il-*files* isir fi stadju fejn id-drittijiet tad-difiża jkunu ġà ppreġudikati;

Din il-Qorti tifhem l-ilment ta' l-appellanti u sa ċertu grad

tara li għandha raġun għalkemm tifhem eżattament ukoll x'kellha f'rasha l-Ewwel Onorabbli Qorti li ma waqfitx hemm u għamlet ukoll xi riservi oħrajn li però l-appellanti dehret li ma fehmitx;

Hu x'inhu din il-Qorti hi tal-fehma li una volta l-Ewwel Onorabbli Qorti ddeċidiet li l-istess *files* kienu ammissibbli, ma kienx hemm aktar x'tagħmel ħlief li s'intendi mbagħad tirriserva d-dritt tagħha li tikkontrolla l-użu tal-kontenut ta' dawk il-*files* merament għal dak li hu rilevanti u konsegwentement *a fact in issue*. Jidher li l-Ewwel Onorabbli Qorti għalkemm il-prosekuzzjoni ma kinitx preokkupata bl-artikolu 637 (4), (5) u (6) tal-Kap. 12 ħassitha xorta preokkupata hi partikolarment bis-subartikolu 4 ta' l-istess artikolu, u għamlet riserva li, qabel xejn, dawn il-*files* għandhom jiġu eżaminati minnha sabiex tassigura ruħha li ma hemm xejn fl-istess *files* li hu kolpit bl-istess subartikolu, u dana wara li l-akkużata għandha tindika x'partijiet minn dawn il-*files* trid tagħmel użu minnhom biex il-Qorti tkun tista' tippronunzja ruħha dwar ir-rilevanza ta' dawn il-partijiet;

Din il-Qorti jidhrilha li din il-prekawzjoni meħuda mill-Ewwel Onorabbli Qorti mhux neċessarjament inkompatibbli mad-deċiżjoni tagħha ta' ammissibilità. Huwa veru li l-liġi fis-subartikolu 3 ta' l-artikolu 637 tal-Kap. 12 tgħid li ma jkunx leċitu li tintalab il-prduzzjoni ta' dawk id-dokumenti li huma kolpiti mis-subartikolu 4, però in-nuqqas tal-prosekuzzjoni li tindika dawn il-*files* bħala xi wieħed mill-*exempt documents* fis-sens ta' l-istess subartikolu 4, ma jfissirx li allura l-Ewwel Qorti ma tistax tiskopri xi dokument li jista' jkun kolpit mill-artikolu msemmi, biex jekk jidhrilha xieraq tissenjala l-istess biex jiġi assigurat it-tħaris tad-dispost ta' dak l-artikolu;

Mela fuq din il-kwistjoni, u ċjoè jekk il-Qorti għamlitx

tajjeb meta għamlet ir-riserva li ssemmiet, ċertament, ma jistax jingħad li l-appellanti għandha raġun fis-sottomissjoni tagħha;

*L-istess jingħad kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti rriservat* li tara minn qabel il-*files* biex tkun tista' tippronunċja ruħha dwar ir-rilevanza tal-partijiet illi l-appellanti tkun iddikjarat li trid tagħmel użu minnhom. Jagħmel sens, u ma jistax ikun mod ieħor, li jekk l-appellanti tippretendi li għandha dritt teżamina fi żmien utili l-istess *files* ħalli tkun tista' tirregola ruħha u tara x'rilevanza u x'utilità jistgħu jservuha għall-fini tad-difiża *tagħha, l-istess japplika għall-prosekuzzjoni u għall-Qorti*, speċjalment din ta' l-aħħar li wara kollox għandha l-funzjoni li tirregola l-proċeduri u tara li ma jsirux domandi rrilevanti;

Il-problema tinqala' dwar meta għandhom ikunu disponibbli dawn il-*files* għaliex evidentement qabel ma jkunu hekk disponibbli għad-difiża, l-istess ma tistax tottempera ruħha *ma' dak li evidentement riedet l-Ewwel Qorti, u ċjoè li tindika* x'partijiet minnhom trid tagħmel użu minnhom;

Kollox ma' kollox, din il-Qorti, wara li eżaminat *funditus* l-aspetti kollha tal-problema, kif ukoll il-mod kif iddeċidiet il-kwistjoni l-Ewwel Onorabbli Qorti tara illi ma tistax ma tagħtix raġun sa ċertu grad, il-lanjanza ta' l-appellanti. Mhux konsoni mad-deċiżjoni li l-istess *files* huma ammissibbli l-espressjoni "jekk u meta dawn jiġu esebiti", f'sens ġeneriku. Din il-Qorti tifhem x'riedet tgħid dik l-Onorabbli Qorti in kwantu l-istess hu relatat mar-riserva l-oħra li għamlet rigwardanti l-applikabilità o meno ta' l-artikolu 647 (4) tal-Kap. 12 però ma tifhimx kif issorpassat dak l-ostakolu għandu jkun hemm riservi oħra li jidhru fil-parametri ta' "jekk u meta". U ġaladarba dan hu hekk għandu *ukoll isegwi loġikament li l-istess files* għandhom ikunu esebiti u disponibbli fi żmien utili biex id-difiża jkollha l-possibilità li, jekk tħoss il-ħtieġa, tkun tista' tagħmel il-kontro-

eżami lil uħud mix-xhieda tal-prosekuzzjoni;

Għalhekk jidher li loġikament il-posizzjoni li għandha temerġi hija s-segwenti:

Stabbilit illi ż-żewġ *files* huma *prima facie* ammissibbli kif deċiż mill-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza tagħha, l-istess l-Ewwel Onorabbli Qorti għandha tgħaddi biex ma' l-ewwel opportunità li jidhrilha xieraq u *in ossequio* tal-prinċipji enunzjati fil-bidu ta' din is-sentenza tipprokura l-esebizzjoni ta' dawn iż-żewġ *files* fl-atti ta' din il-kawża;

Fit-tieni lok l-Ewwel Qorti għandha, kif irriservat li tagħmel, tara jekk dawn id-dokumenti jew xi parti minnhom, humiex milquta mill-artikolu 637 (4) tal-Kap 12 għaliex kif ingħad, dejjem jista' jkollha r-responsabbilità li tinduna b'xi parti mid-dokument li jkun jeħtieġ li jiġi senjalat għall-fini ta' l-artikolu msemmi;

Sorpassat dan l-istadju, jekk l-artikolu 637 (4) tal-Kap. 12 fil-fehma ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti ma jkunx japplika għad-dokumenti in diżamina, l-istess dokumenti għandhom jiġu messi taħt il-kontroll tagħha, għad-disposizzjoni kemm tal-prosekuzzjoni kemm tad-difiża, u għandu mbagħad jiġi stabbilit it-terminu f'liema d-difiża għandha tindika liema partijiet minn dawk id-dokumenti hija tixtieq li tagħmel użu minnhom biex il-Qorti tkun ippreparata dwar kwistjonijiet ta' rilevanza;

Għandu jiġi assigurat ukoll li dan kollu jsir fi stadju illi ma jippreġudikax id-drittijiet tad-difiża li jkollha l-faċilità kollha li tipprepara d-difiża tagħha;

F'dan is-sens u f'dawn it-termini, għalhekk din il-Qorti qed tiddisponi mill-ewwel aggravju ta' l-appellanta;

Ikkunsidrat:

It-tieni aggravju ta' l-appellanti jirrigwarda l-eċċezzjoni preliminari tagħha;

Hija tissottometti li ma taqbilx mad-deċiżjoni ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti. Fil-mument li l-prosekuzzjoni esebit id-dokument LM1, li hu parti u estratt minn *file* governattiv hija rrinunzjat għal kwalsiasi konfidenzjalità li dak l-istess *file* jista' jkollu fl-interità tiegħu. Dan mhux xi eżerċizzju ta' *pick and choose*. Skond l-appellanti meta l-prosekuzzjoni tkun għażlet li tipproduċi parti minn *file*, il-parti l-oħra jkollha d-dritt li tikkontrolla sabiex tirrivolġi kwalsiasi domanda fuq id-dokument ippreżentata. Hawn mhux biss japplika l-prinċipju ta' l-aħjar prova, iżda ukoll il-priċipju li l-prosekuzzjoni hija l-aħjar ħabib ta' l-akkużat. Skond l-appellanti l-provi għandhom jinġiebu kollha, u parti ma tistax tistaħba wara l-paraventu li parti minn *file* huwa pprivileġġjat u parti mhux;

L-appellanti finalment tirrileva li fuq il-prinċipju ta' *quod non est in actis non est in mundo*, min-nuqqas ta' prova, hi ma tkunx tista' tiġbed argument legali ta' natura probatorju;

Hawnhekk frankament din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni ta' l-appellanti;

Fl-ewwel lok jiġi rrilevat mill-ġdid, li l-eċċezzjoni tagħha fir-rigward tad-dokument LM1 kien fis-sens illi "il-prosekuzzjoni indikat bħala prova d-dokument LM1 li hu riċevuta ta' dazju u dwana. Illi għall-kompletezza tal-provi u abbażi tal-prinċipju illi l-prosekuzzjoni għandha ġġib dejjem l-aħjar prova bl-aktar mod komplet, il-prosekuzzjoni għandha tesebixxi l-*file* tad-dwana kollu u mhux estratt minnu biss";

Għandu jiġi pprecizat illi d-dokument LM1 huwa essenzjalment riċevuta ta' dazju u dwana u bħala tali jibqa' riċevuta ta' dazju u dwana indipendentement mill-*file* li minnu jkun jista' jifforma parti. Inoltre l-allegazzjoni tad-difiża li dan id-dokument speċi mhuwiex l-aħjar prova jew li jkun prova aktar kompleta u aħjar kieku jinġieb il-*file* tad-dwana li fih huwa kkontenut, hija waħda *toto coelo* gratuita in mankanza ta' indikazzjonijiet oħra li jindikaw li dan jista' possibilment ikun hekk. Però din il-Qorti, una volta r-riċevuta hi dik li hi, ma tifhimx kif tista' tkun l-aħjar prova biss jekk barra minnha jinġieb ukoll il-*file* li minnu tifforma parti. Wara kollox imbagħad hemm l-aspett l-ieħor li jekk din tirriżulta li mhijiex l-aħjar prova dan ma jistax jonqos li jiġi rrilevat u jingħata l-piż relattiv, però ċertament ma tistax id-difiża bħal ma tippretendi li għandha jkollha l-ispazju kollu biex tkun tista' tikkonduċi d-difiża tagħha kif jidhrilha, timponi aprioristikament lill-prosekuzzjoni li tesebixxi aktar minn dak li hi tħoss li huwa neċessarju għall-każ tagħha, salv s'intendi d-drittijiet l-oħra tad-difiża bħal ma kien hemm fil-każ ta' l-aggravju preċedenti, li però ma jirriżultax f'dan il-każ. F'dan il-każ jidher li l-unika lanjanza li għandha d-difiża hija li dan id-dokument jista' biss ikun komplet u jikkostitwixxi l-aħjar prova jekk jinġieb il-*file* kollu. Ta' dan ma hemm assolutament ebda ħjiel, ebda indizju ta' fondatezza u għalhekk id-deċiżjoni relattiva ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti timmerita konferma. Għalhekk dan l-aggravju qed jiġi respint;

Konsegwentement din il-Qorti qiegħda għalhekk tiddisponi minn dan l-appell billi tilqgħu biss limitatament u fis-sens infraskritt fir-rigward ta' l-ewwel aggravju u tiċħdu fil-kumplament tiegħu u konsegwentement tiddeċidi billi tirriforma s-sentenza appellata billi kwantu jirrigwarda r-riservi li l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet fir-rigward ta' produzzjoni ta' dokumenti li għalihom hemm referenza fil-parti relattiva tas-sentenza, tiġi adoperata kemm jista' jkun skrupolożament u fl-

aħjar interess tal-ġustizzja dejjem kif jidhrilha xieraq l-Ewwel Onorabbli Qorti, il-mod ta' produzzjoni, disponibilità, eżami u użu ta' l-imsemmija *files* kif fuq deskritt u tikkonferma l-kumplament tas-sentenza. L-atti qed jintbagħtu lura lill-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.